MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## MARIA KARLSSON

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2008

Talba Numru. 720/2007

**John Caruana**
**vs**

**Victor u Carmen Mifsud**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-attur talab l-hlas mill-konevnuti ta' elf tmien mija tlieta u sittin ewro u hamsin centezmu (€1863.50) gja tmin mitt lira Maltin (LM800) rapprezentanti bilanc minn somma akbar ghall-hlas t' appalt ezegwit fic-cimiterju ta' l-Addolarata, Paola.

Bl-ispejjez u bl-imghax sal-hlas effettiv.

Il-konvenuti ingunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuti fejn issollevaw illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt  u in oltre l-ftehim li kien sar kien mod ta' hlas iehor minn pagament fi flus.

Ghaldaqstant it-talba ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-attur.

Ra d-dokumenti pprezentati fl-Atti tal-kawza.

 Ra l-affidavit  sema x-xhieda ta'  John Caruana, Victor Mifsud, John Bonello u Connie Bonello.

Sema t-trattazzjoni tal-partijiet.

**IKKUNSIDRA**

Illi din il-kawza titratta dwar hlas  ghat-thaffir  ta' qabar appartenenti lil bint il-konvenuti u r-ragel taghha, fic-cimiterju ta' l-Addolorata, Paola, liema hlas skond il-konvenuti kellu jsir parti in kontanti u parti bi twiebet. It-Tribunal jispjega illi l-attur ghalkemm kien jaghmel xoghol ta' thaffir t' oqbra kien jinnegozja ukoll it-twiebet fil-waqt illi l-familja tal-konvenuti inkluz r-ragel ta' bintu,  kienu fin–negozju tat-twiebet.

Mill-provi jirrizulta illi t-thaffir tal-qabar kien ser jiswa' lill-konvenuti s-somma ta' LM1200 ta' dak iz-zmien . Illi skond il-konvenut Victor Mifsud huwa kellu jhallas LM400 in kontanti u l-bqija fi twiebet. Jirrizulta mill-provi illi bhala akkont Victor Mifsud kien hallas LM280 ta' dak iz-zmien u tebut li jiswa LM120.

It-Talba mill-konvenut lill-attur ghat-thaffir tal-qabar kienet saret fl-ahhar tas-sena 2006 u t-thaffir u l-bini tal-qabar kien beda f'Mejju 2007 u twettaq sa Lulju, 2007. Mill-provi jirrizulta ukoll illi bejn Novembru  2006 u Mejju, 2007 l-attur kien xtara xi ghaxar twiebet minn haten il-konvenut u dan kien hallas ghalihom. It-Tribunal jirrimarka illi fix-xhieda tal-konevnut Victor Mifsud huwa kien qal illi l-ghaxar twiebet kienu nxtraw minn ghandu.

It-Tribunal jirrilleva illi ghalkemm fix-xhieda tal-konvenut stess qal li kellu jhallas lill-attur akkont ta' LM400 fi flus u l-bqija in kontanti. Irrizulta illi l-akkont ma giex imhallas fl-intier tieghu in kontanti izda parti in kontanti u parti permezz ta' tebut wiehed moghti minn haten il-konevenut b'valur ta' LM120. Jirrizulta ukoll minn xhieda sussegwenti tal-konvenut Victor Mifsud illi huwa kien offra lill-attur illi jiehu zewg twiebet u l-bqija jehodhom flus. Il-konvenut Victor Mifsud sostna illi l-attur mar lura mill-ftehim ta' bejniethom peress illi fil-frattemp l-attur kien beda n-negozju tat-twiebet.

Mill-provi jirrizulta lli l-konvenut ma kienx konsistenti fix-xhieda tieghu filwaqt illi l-attur baqa' konsistenti tul il-kawza. Fl-ahhar tal-kawza il-konvenuti sostnew li l-qabar ma kienx jappartjeni lilhom izda lill-terzi u cioe' lil binthom u r-ragel taghha. Fit-trattazzjoni l-konvenuti sostnew li ghalhekk ma kienx hemm relazzjoni guridika bejn il-partijiet.

It-Tribunal jirrilleva illi fir-risposta ghat-talba tal-attur, l-eccezzjonijiet ma kienux jinkludu li ma kienx hemm relazzjoni guridika bejn il-partijiet u ma kienetx giet issollevata fil-mori tal-kawza hlief fl-ahhar tal-kawza. Dan il-punt qam fl-ahhar tal-provi tal-konvenuti. Kunsidrat l-istadju li kien wasal il-kaz u l-eccezzjonijiet kif maghmula, t-Tribunal mhuwiex ha jiehu konjizzjoni ta' din l-eccezzjoni u li *'in ogni caso'* gie kkuntestat mill-attur.

Illi mill-provi jirrizulta illi bejn Novembru 2006 u Mejju 2007 l-attur kien xtara ghaxar twiebet minn haten il-konvenut u li kien hallas ghalihom. Illi mix-xhieda jidher illi kemm il-konvenut u r-ragel ta' bintu jinnegozjaw it-twiebet flimkien. Illi x-xoghol tat-thaffir u bini tal-qabar kien beda f'Mejju tal-2007 u tlesta xahrejn wara. Izda sal-lum l-attur baqa' ma thallas xejn.

Illi mill-provi migbura quddiemu dan it-Tribunal jidhirlu illi l-attur ipprova lli huwa kien dejjem itratta mall-konvenut Victor Mifsud fuq kollox u jghalhekk jidhirlu li l-kaz tal-attur

gie ppruvat fil-waqt illi l-konvenuti ma gabux provi bizzejjed sabiex isostnu l-eccezzjonijiet taghhom. Ghalhekk it-Tribunal ihoss illi kkunsidrati l-fatti kif svolgew ikun ekwu u gust illi l-konvenuti jhallsu lill-attur ghall-kuntratt t' appalt ikkommissjonat minnhom.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeċiedi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu fis-somma ta ' elf tmien mja tlieta u sittin ewro u hamsin centezmu (€1863.50) gja' LM800 bl-imghaxijiet mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

Spejjez tal-kawza ghall-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------